MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 97/2000/1

**Philip Zammit**

**Vs**

**Carmelo Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-attur is-somma ta’ erba’ mija u hamsin liri Maltin (Lm450) mill-konvenut lill-attur dovuti bhala kumpens ghall-uzu mill-konvenut minghajr il-permess tas-sid u b’digriet tad-29 ta’Settembru 2003 jizdiedu il-kliem kif lanqas tal-kerrej, l-attur, tul tlett snin tal-ghalqa msejjah “L-ghalqa l-kbira” fi Triq San Niklaw, limiti taz-Zejtun, kif ukoll sabiex twaqqa’ u tnehhi mill-istess ghalqa l-kamra li hemmhekk bena minghajr il-permess u minghajr il-kunsens tal-attur, a spejjes tal-konvenut. Il-Qorti hija mitluba li fin-nuqqas tal-konvenut li jaghmel dana, l-attur jkun awtorizzat li jaghmel kollox huwa taht id-direzzjoni ta’ perit nominandi. Ghall-fini

tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur tat-talbiet ma jeccedux is-somma ta’ Lm1000.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-17 ta’ Settembru tal-1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 7 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-attur l-ewwel jrid jipprova li ghandu titolu legali tal-art in kwistjoni;
2. Illi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-attur stante ma kien hemm ebda ftehim ghall-hlas;
3. Illi l-kamra imsemmija giet mibnija fuq it-talba tal-attur stess u ghalhekk l-konvenut ma ghandux jigi kkundannat jnehhiha;
4. B’riserva ghall-eccezzjonijeit ulterjuri;
5. B’reserva ghal kull azzjoni tal-konvenut kontra l-attur ghall-hlasijiet dovuti mill-attur lill-konvenut ghall-istess kamra.

Rat id-digriet Taghha moghti fid-29 ta’ Settembru 2003 (fol 26 sa fol 28 ibid u r-rispsota a fol 25 ibid) u li biha Laqghet it-talba tal-attur ghall-korrezzjoni fl-avviz promotur.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-<u>attur</u> (fol 34 et seq ibid) jsostni fl-‘affidavit’ sottomess minnu illi, hu jiddetjeni l-art in kwistjoni b’titolu ta’ kera minghand terzi persuna li mhijiex parti f’din il-kawza. In rigward il-konvenut, deskritt minnu bhala “habib”, dan kien jigi fl-istess ghalqa ghall-kacca. L-attur, pero’ “ma kellix pjacir bih u kont inkeccih” izda “.. kont hallejtu jigi f’April biss ghall-kacca”. F’certu perjodu matul l-1995/ 96, hu, l-attur, kien marad serjament, u kien halla l-istess ghalqa bir-razzett f’idejn huh, Raphael Zammit. F’dan il-perjodu, il-konvenut kien “… qed jaqbad u jmur fl-ghalqa tieghu …” u “(ghal) aktar minn tlett snin, jahdimha u jiehu l-prodott” u

minhabba hekk hu, l-attur kien qed jitlob il-kumpens relattiv ammontanti ghal Lm450 u dwar dawn hu sema' illi l-konvenut kien qallu anzi ftahar mieghu "… li biegh b'Lm150 bi prodott lil tal-haxix tal-Fgrua". Inoltre fl-istess perjodu meta l-istess attur kien marid serjament, il-konvenut kien bena' kamra fl-istess ghalqa. Hawnhekk hu kien talab lil certu Fredu sabiex jiehu hsieb ir-raba u dan, bil-permess tieghu kien bena dura, b'zewg tankijiet qabel ma nbniet l-imsemmija kamra. Il-konvenut kien beda jghatih fastidju lil dan Fredu u ghalhekk l-attur kien wissa lill-konvenut, li baqa' jmur ghal kacca , sabiex ma jkompliex jhalli lil Fredu fil-kwiet. Wara li ghadda tul ta' zmien, hu reggha mar fil-ghalqa u "wissejtu dwar l-ghalqa li kien jahdem minghajr il-permess tieghu imma kollox ghal xejn". Inoltre l-konvenut kien kecca lil hu l-attur, Gorg li kien jmur sabiex jaghlef il-majjali w il-papri "… ghax qal li l-kamra tieghu". Hawnhekk l-attur semma' li l-konvenut kien ghamillu xi xoghol ta' tibjid, suppost minghajr hlas. Pero', wara xi sena' u nofs, il-konvenut ried jithallas ta' dan ix-xoghol u filfatt kien thallas Lm500 avolja "ma kien spicca x-xoghol". Inoltre l-attur jsostni illi kien hemm ftehim illi l-kamra kellha titwaqqa' mill-konvenut. Pero jidher li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu iddeterjoraw ulterjorment billi l-konvenut kisser u waqqa' l-imsemmija dura u "… habat ghalija …u offendieni" (Dwar il-<u>kamra</u> li tissema fl-avviz u d-<u>dura</u> msemmija fix-xhieda ara ukoll ir-<u>ritratti</u> a fol 55 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attur pproduca diversi xhieda in sostenn ta' dak li xehed cjoe:-

a) <u>Alfred Vassallo</u> (fol 39 u 40 ibid) xehed illi l-konvenut kien jkun fir-raba' tal-attur "Nahseb … ghall-kacca wkoll". Inoltre hu ma kienx ra' lill-konvenut jahdem ir-raba'. Hu kkonferma li ghal xi zmien l-attur kien marid. Difatti hu beda jinzel fl-istess raba' wara li kien marad l-attur u dan kien qalli biex ninzel fl-istess raba', bil-permess tieghu izda l-konvenut kien qallu sabiex johrog, anke bi kliem li jidher ta' theddid.

b) George Galea (fol 41 ibid) l-ewwel spjega illi l-attur jigi hu mart l-istess xhud u kompla jghid illi kien imur fl-istess raba' fejn hemm ukoll gibjun u razzett, meta l-attur ma kienx jiflah u dan sabiex jaghlef il-majjali u papri. Hu kien jaf illi l-konvenut kien ukoll jidhol fl-istess raba' ".. nahseb ghall-iskop ta' kacca. Gieli ukoll, hadem bicca mir-raba'". Darba , pero', hu kien diehel fil-kamra in kwistjoni sabiex minnha johrog xi ghalf u l-konvenut, kien qallu "… minn tak il-permess tidhol f'dik il-kamra … tieghu".

c) Raphael Zammit (fol 51 sa fol 53 ibid), hu l-attur, xehed illi hu kien jinzel fir-razzett u r-raba' tal-attur sabiex jaghlef il-majjali ta' huh. In rigward il-konvenut, li ".. gieli ghamilna xi xoghol flimkien" hu kien jarah fl-istess ghalqa ghall-iskop ta' kacca kif ukoll sabiex "… jahdem bicca minnha". Din di fatti, " .. beda jahdem bicca, imbaghad kabbar …" u dan avolja huh kien qal lill-konvenut quddiem ix-xhud sabiex ma jkompliex jahdimha. Darba ohra kien presenti ghal incident li nqala' bejn huh w il-konvenut dwar id-dura li semmiet u kien gara dak li xehdu x-xhieda precedenti. Mistoqsi dwar kemm kien ilu jidhol, fir-raba' in kwistjoni, l-konvenut, ix-xhud semma' li "Nahseb illi Carmelo Borg kien ilu fir-raba' ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin" izda fuq dan hu spjega li ma setax jkun preciz. Inoltre hu kien qabel illi l-kamra, imsemmija fl-avviz ".. kienet nbniet mill-istess konvenut u .. (wara li korrega ruhu) … minni". In rigward l-ispejjes sabiex tinbena l-istess kamra, dawn kollha kienu thallsu mill-konvenut waqt li x-xhud kien ghenu biss jibniha. Inoltre x-xhud semma' illi "… xi darba jew darbten kont ghint lill-konvenut sabiex jahrat l-ghalqa" u "lill-konvenut kont nghidlu ukoll x'ghandu jaghmel fir-raba".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 57 u fol 64 ibid) xehed illi l-attur stess kien qallu sabiex juza r-raba' inkwistjoni ghall-kacca u dan madwar sbatax-il (17) sena qabel ma xehed fl-2006. Inoltre hu, li kien impjegat, bhal l-attur, fil-"Malta Shipbuilding" kien ukoll ksielu gibja fl-istess raba, minghajr ebda kumpens avolja dan kien promess mill-attur. Inoltre hu kien bena, fl-istess post, kamra flimkien

ma hu l-istess attur, Raphael ossija Rafel Zammit, bl-ispejjes kollha sopportati minn, l-konvenut. Inoltre l-attur kien tah "… bicca mill-istess ghalqa … sabiex naghmel xi haga go fiha". Ulterjorment hu kien bajjad, ukoll post iehor, mixtri mill-attur meta dan izzewweg u in-rigward dan it-tibjid, li sar minnu u minn Raphael Zammit msemmi, l-attur ma kien hallsu xejn meta talbu hlas wara li "iggilidna fuq xejn". In rigward l-imsemmija kamra, l-konvenut kien ta' cavetta lill-istess attur u dan kien ghalhekk juzaha ukoll. Eventwalment, hu kien gie mkecci mill-attur mir-raba' in kwistjoni. Pero sussegwentement l-attur, akkumpanjat minn martu, kien iltaqa' mieghu u l-istess attur kien immarkali ".. sabiex nerga' mmur u jhallasni tax-xoghol (ta' tibjid) u qisu ma' gara' xejn". Ghalhekk, hu, l-konvenut, kien talab somma, bi skont, u l-attur kien hallsu, b'kollox Lm500. Pero', sussegwentement l-attur kien qallu "… sabiex ma nergax nigi l-hemm" ghall-iskop ta' kacca. In kontro esami, hu semma' illi kien gie mkecci mir-raba madwar fl-1996 u <u>qabel dan</u> ma kien minnu xejn illi l-attur kien jghidlu sabiex jitlaq minn hemm. Inoltre, hu cahad ukoll illi l-attur kien jghidlu sabiex jwaqqa' l-kamra in kwistjoni. Fl-ahhar hu sostna illi kien l-istess attur illi kien qallu "ghaliex ma tibnilix naqra ta' kamra", (ara ukoll ix-xhieda ta' <u>Joseph Zammit</u>, il-kugin tal-attur, li ghen ukoll sabiex tinbena' l-kamra kontestata flimkien mal-konvenut u hu l-attur, a fol 68 et seq ibid kif ukoll dik ta' hu l-konvenut <u>Joseph Borg</u> a fol 70 et seq ibid li sema' illi l-attur kien inkariga lilu u lill-konvenut sabiex "zewg gibjeti" minghajr ma kien hallashom tax-xoghol".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi a bazi tal-provi kif esposti din il-Qorti qed tigi mitluba sabiex tikkundanna lill-konvenut illi jhallas lill-attur, is-somma hemm pretiza fl-avviz, u dan "ghall-uzu minnek minghajr il-permess tas-sid kif lanqas tal-kerrej" u dan ghall-perjodu ta' tlett snin. Inoltre qed tintalab il-kundanna tal-konvenut sabiex dan jwaqqa l-imsemmija kamra allegatament mibnija minghajr il-permess w il-kunsens tal-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar l-ewwel talba, jigi rilevat illi l-attur kellu jipprova, illi il-konvenut uza l-ghalqa in kwistjoni minghajr il-permess tal-kerrej ossija l-attur biss stante li s-sid ma hux parti f'din il-kawza.  In rigward dan, l-attur, ghalhekk kellu jipprova fuq bazi ta' probabilta illi l-konvenut kien hadem l-ghalqa in kwistjoni minghajr il-kunsens, espress jew tacitu tal-attur.  Minn esami u analisi tal-provi kollha rilevanti u kif hemm fuq esposti, il-Qorti tara li hu difficli li jitwemmen dak li xehed l-attur fis-sens illi l-konvenut minghajr dan il-kunsens, kien hadem l-ghalqa ghall-perjodu twil ta' zmien u ad insaputa tal-istess attur.  Dwar dan jigi rilevat illi, anke meta l-attur kien marid serjament, hu kien halla l-ghalqa f'idejn huh Raphael Zammit u George Galea, imparentat ukoll mal-attur kif spjega u certament dawn kienu qalu lill-attur illi l-konvenut kien qed jahdem prodott fl-istess ghalqa. Minn dan jidher illi tacitament l-attur kien akkunsentixxa sabiex il-konvenut juza l-ghalqa mhux biss ghall-kacca izda ukoll ghal skop ta' biedja.  Dan premess, bl-ebda mod ma irrisulta illi kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet sabiex il-konvenut jhallas xi kumpens lill-attur ghal dan l-uzu tal-ahhar.  L-unika prova, jekk wiehed jista' jsejjhilha hekk, li semma l-attur kienet l-allegat ftahir da parti tal-konvenut illi hu kien biegh prodott lil tal-haxix fi-Fgura, b'valur ta' Lm150.  Ghalhekk ma jistax jigi konkluz illi hemm xi kumpens dovut lill-attur stante li ma rrizultax dan il-ftehim u ma giet iprodotta ebda prova sabiex fuqha il-Qorti tista' tghid fuq liema bazi jista' jigi kalkolat tali kumpens jekk dovut fil-fatt u fid-dritt.

Illi, dwar it-tieni talba, kellu ukoll jigi pruvat li l-kamra nbniet minghajr il-kunsens tal-attur.  Dwar din, il-Qorti issibha difficli illi temmen dan meta l-istess huh. Raphael, xehed prodott mill-istess attur illi din nbniet mill-konvenut bl-ghajnuna tieghu stess.

Illi ta' min jsemmi dwar dak kollu premess illi hemm probabilita illi l-attur intavola dan l-avviz meta l-konvenut kien ppretenda hlas u thallas effettivament, Lm500 talli kien ghamel xi xoghol ta' tibjid f'propjeta tal-attur, li da parti tieghu sar "suppost minghajr hlas" u ghalhekk kienet spiccat il-hbiberija bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes fic-cirkorstanzi ta’ dan il-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------